**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 257/10 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu fit-28 ta' Lulju, 1993, minn liema zwieg huma ghandhom zewgt itfal L u J, it-tnejn minorenni.

2. Illi l-intimat rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' adulterju, abbandun, mohqrija psikologika, eccessi w ingurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita` ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

3. Illi b'digriet moghti fid-19 ta' Frar, 2010, il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, awtorizzat lill-esponenti sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-intimat.

Talbet li il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex : fol. 559

1. tiddikjara d-divorzju u / jew il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti;

2. tafda l-kura u kustodja tal-minuri L u J f'idejn l-esponenti ommhom u tiddikjara li l-konvenut ma huwiex tajjeb biex ikollu l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet;

3. tordna li l-intimat jigi kkundannat jissoministra manteniment lill-esponenti bhala manteniment ghall-minuri wliedha f'dik is-somma li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna u dan b'effett retroattiv mid-data tas-separazzjoni de facto u liema manteniment ghandu jithallas bil-modalita ordnata minn din il-Qorti; kif ukoll tordna li l-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragonevoli;

4. tordna li l-intimat jigi kkundannat ihallas lill-esponenti l-arretrati ta' manteniment stabbiliti minn din il-Qorti versu l-minuri L u J u dan ghall-perjodu kollu ta' separazzjoni de facto.

5. tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

6. tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess bejn iz-zewg kontendenti, hekk kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia,* tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess intimat ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-istess intimat billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi

nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. tordna li d-dar matrimonjali 24, Triq Giovanni Barbara, Hamrun tigi assenjata lill-esponenti; jew b'mod alternattiv l-esponenti tigi awtorizzata tibqa' tabita fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-intimat.

8. tordna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu.

9. tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha ecepixxa: (fol. 19)

a. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Lulju, 1993;
b. Illi huwa minnu li minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt itfal minuri li jisimhom L u J;
c. Illi m'hu minnu xejn dak allegat mir-rikorrenta li l-esponent hu hati tat-tortijiet hemm indikati fir-rikors promotorju. Ilil pjuttost hu kontra li r-rikorrenta hi hatja ta' dawn it-tortijiet liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz. Illi minghajr pregudizzju, dawn il-proceduri qed iservu ta' paravendu ghat-tortijiet ta' l-istess intimata rikorrenta li ghal skopijiet taghha qed tipprova titfa l-htija taghha fuq l-esponent liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz;
d. Illi di piu', jekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment dan hu tort ta' l-istess rikorrenta principalment, imma mhux esklussivament, minhabba l-attitudni taghha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet ohra jidhrilha li hadd ma jista' ghaliha u tippretendi wkoll li jekk l-affarijiet ghandhom jimxu dawn jistghu jsiru biss

b'approvazzjoni taghha. Illi fin-nuqqas, ir-rikorrenta taghmillek hajtek infern liema kaz odjern qed iservi ta' mera ta' dan;

e. Illi di piu', l-attitudni skifuza u ntollerabbli tar-rikorrenta hi ferm riflessa mit-talbiet tar-rikorrenta stess fejn qed tipprova timmanuvra b'tali mod biex minghajr ma tikxef xejn konkret, qed tipprova tinponi kundizzjonijiet li huma 'il boghod ferm mill-applikazzjoni tal-principji civili liema haga tiggustifika l-posizzjoni ta' l-esponent;
f. Illi l-problema ta' l-attitudni xejn pjacevoli ta' l-intimata rikorrenta tant saret impossibbli li l-esponent qed isofri konsiderevolment tant li r-rikorrenta qeghda bhala konsegwenza anki timmanupola wlied il-partijiet ghal skopijiet taghha u bhala konsegwenza qeghda tipprova tpingi l-posizzjoni taghha bhala wahda ta' vittma meta fir-realta s-sitwazzjoni hija kontra;
g. Illi filwaqt li l-esponent jichad kategorikament l-akkuzi fjakki fil-konfront tieghu s-sitwazzjoni hi ferm kontra fil-konfront tar-rikorrenta liema haga tispjega il-ghaliex **ir-rikorrenta intimata hi tant herqana biex tissepara mill-iktar fis possibbli liema haga ser tigi ppruvata fil-mori tal-kaz;**
h. Illi n-nuqqas ta' sinceA f'dawn il-proceduri da parti ta' l-intimata rikorrenta anke testendi ghall-fatt li qed tipprova tizvija l-Qorti liema haga ser tigi ppruvata meta qed tghix kif jidhrilha hi b'mod li l-esponent ma jkollux l-opportunita jidhol id-dar matrimonjali bl-iskop biex l-istess rikorrenta tkun libera b'mod assolut;
i. Illi f'dan ir-rigward, imma mhux eskussivament, it-talbiet li jiffavorixxu r-rikorrenta ghandhom jigu michudin u skartati stante li huma intizi biex jippregudikaw dak dovut lill-esponent kif ukoll biex inessu t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta li hi, wara kollox, ghandha ggorr fis-shih it-tort tal-htija taghha;
j. Illi fid-dawl tas-suespost eccezzjoni ta' l-ahhar l-esponenti titlob li :
    i. Fir-rigward it-talba numru wiehed li jkun hemm dikjarazzjoni ta' separazzjoni hemm qbil fis-shih u dan ghall-ahjar avanz tat-tfal li huma l-iktar li qeghdin ibatu minhabba agir irresponsabbli tar-rikorrenta intimata;
    ii. Fir-rigward it-tieni talba l-esponent qed jitlob il-kura u l-kustodja tat-tfal L u J u se mai fin-nuqqas dan ikun ghall-inqas kongunt;
    iii. Fir-rigward it-tielet talba l-esponent jitlob li la l-attrici ghandha impjieg remunerattiv hafna tistabilixxi li tigi

ordnata retta alimentarja mir-rikorrenta favur l-esponent bhala manteniment ghall-minuri L u J f'dan l-ammont stabbilit minn din il-Qorti;

iv. Tordna li l-intimata rikorrenta tigi kkundannata thallas lill-esponent l-arretrati tal-manteniment stabbiliti minn dina il-Qorti versu L u J u dan ghall-perjodu kollu tas-separazzjoni de facto liema haga ghandha testendi wkoll fil-konfront ta' l-esponent li hu minghajr xoghol;

v. Fir-rigward il-hames talba tal-esponent jaqbel li ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli imma fil-konfront tar-rikorrenta intimata u mhux fil-konfront ta' l-esponent;

vi. Illi fir-rigward is-sitt talba l-esponent jaqbel li jkun hemm ix-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u jsir likwidazzjoni relattiv hekk kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess intimata rikorrenta ghandha tigi kkunsidrata kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-esponent u l-ohra lir-rikorrenta intimata billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit jekk ikun il-kaz biex issir il-likwidazzjoni mitluba u jsir proponiment ghall-pjan tal-qsim permezz ta' nutar sabiex jircievi l-att relattiv u jekk ikun il-kaz jigi nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

vii. Illi fir-rigward it-talba numru sebgha tordna li d-dar matrimonjali 24, Triq Giovanni Barbara, Hamrun tigi assenjata lill-esponent jew b'mod alternattiv l-esponent jigi awtorizzat jghix fid-dar matrimonjali flimkien ma l-ulied ad eskluzzjoni tar-rikorrenta intimata u mhux kif qed titlob ir-rikorrenta li permezz ta' din it-talba qed tikxef l-iskop ulterjuri taghha f'dan ir-rigward;

viii. Tordna lir-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent l-oggetti kollha parafernali tieghu li jinsabu fil-pussess taghha liema haga qed tipprova ccahdu ghall-iskopijiet taghha ulterjuri;

ix. L-esponent jaqbel li din is-sentenza tigi registrata fir-registru pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata rikorrenta li hi ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha ippremetta :

Illi l-partijiet kienu izzewgu fit-28 ta' Lulju, 1993 fejn ghandhom zewgt itfal li jisimhom L u J li ghadhom minuri;

Illi l-attrici irrendiet ruhha hatja ta' adulterju, swat eccessi, minacci mohqrija ingurji gravi u theddid versu l-esponent kif ukoll f'certi tortijiet anki fil-konfront tat-tfal minuri J u L;

Illi, minhabba din is-sitwazzjoni irrizultaw konsegwenzi li jistghu jispjegaw il-ghaliex, fost affarijiet ohra, z-zwieg tkisser b'dan il-mod u manjiera fejn sija l-esponent kif ukoll it-tfal L u J qed ibatu minhabba l-imgiega skifuza, kapriccjuza u irresponsabbli li qed tghix l-intimata rikorrenta fejn bhala konsegwenza hija rrendiet il-hajja matrimonjali u tal-familja ghal kollox intollerabbli;

Talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara id-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
3. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef, bhala wkoll bhala konsegwenza, kull jedd li ghandha fuq nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma tal-esponenti;
4. Tapplika fis-shih kontra r-rikorrenta l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tordna li l-kura u kustodja tat-tfal L u J jigu fdati lill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenta;
6. Tordna li l-access tar-rikorrenta tkun taht supervizjoni ta' Social Worker tal-Appogg u dan meta r-rikorrenta qed tghix hajja dubjuza liema imgieba l-esponent qed jara kif jaghmel biex jipprotegi lill-uliedu minn din l-influwenza tant negattiva;
7. Tordna dina il-Qorti li stante li r-rikorrenta ghandha impjieg b'salarju veru tajjeb, li thallas mhux biss ghall-**manteniment**

**tat-tfal L u J imma ukoll** ghall-bzonnijiet taghhom partikolarment imma mhux esklussivament **l-edukazzjoni** taghhom sakemm jaghlqu 18 il-sena li ghandha tigi maqtugha mis-sehem tar-rikorrenta wara li tigi determinata s-sehem taghha. Tikkundanna ukoll li r-rikorrenta thallas dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi iffissata mill-istess Qorti ta' mill-inqas nofs id-dhul kwalunkwe tar-rikorrenta liema dhul ghandu jestendi wkoll ghall-allowances varji li ikollha kif ukoll manteniment ghall-esponent li fil-prezent hu **minghajr impieg u m'ghandux dhul,** kif wara kollox hu l-obbligu taghha taht il-kappa tal-principji rizultanti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tordna li d-dar matrimonjali 24, Triq Giovanni Barbara, Hamrun tigi assenjata lill-esponent jew b'mod alternattiv l-esponent jigi awtorizzat jghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal ad eskluzzjoni ta' l-intimata;
9. Tikkundanna lir-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent l-beni kollha parafernali tal-esponent u separatament li l-esponent jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni tieghu. Illi fin-nuqqas tikkundannaha thallas somma li tigi likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta parafernali;
10. Tiddikjara li l-proprjeta partikolarment id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenta iktar u iktar minhabba t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta;
11. Tawtorizza lill-esponent jirregistra l-eventwali sentenza definittiva fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha eccepiet : fol. 26

Illi bosta mit-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt :

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontedenti b'dan pero' li jigi

dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli htija tal-attrici senjament minhabba adulterju, abbandun, mohqrija psikologika, eccessi u ingurji gravi;

2. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi likwidata u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, izda pero', hekk kif jigi ordnat u stabbilit minn dina il-Qorti in vista, inter alia, tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess intimat zewgha ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-istess intimat billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
3. Illi l-effetti tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-intimat zewgha u mhux kontra l-esponenti;
4. Illi minn meta l-intimat abbanduna lill-esponenti u lill-wliedhom minuri, huwa naqas li jikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom, tant li l-esponenti ilha snin tghajjex lill-uliedhom wahedha.  Ghal din ir-raguni biss, il-kura u kustodja tal-minuri L u J ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti ommhom u dan oltre ghar-ragunijiet ulterjuri li ser jigu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Illi kwalsiasi access ezercitat versu l-minuri mill-intimat (u mhux mill-esponenti) ghandu jsir taht is-supervizjoni ta' Social Worker;
6. Illi l-esponenti topponi bil-qawwa kollha li hija ghandha tigi kkundannata thallas xi manteniment lil zewgha stante li huwa tilef id-dritt tieghu ghall-menteniment meta abbanduna lill-familtu u kkommetta adulterju, u inoltre halla lill-familja f'dejn enormi li kellha thallas il-maggorparti tieghu l-esponenti wahedha (oltre li mantniet lit-tfal wahedha) u dan apparti l-fatt li l-intimat fil-fatt jahdem u mhuwiex minnu li huwa dizokkupat;
7. Illi l-esponenti topponi wkoll li l-intimat ghandu jigi assenjat id-dar matrimonjali jew ghandu jigi awtorizzat ighix fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-esponenti – kien hu li abbanduna d-dar matrimonjali biex jindulgi f'relazzjonijiet adulteri u ghalhekk semmai l-esponenti ghandha tigi assenjata

din id-dar matrimonjali jew tigi awtorizzata tibqa' tabita fiha ad eskluzzjoni tal-intimat zewgha;

8. Illi l-esponenti m'ghandhiex fil-pussess taghha assi parafernali appartenenti lill-intimat zewgha;
9. Illi l-esponenti topponi li l-intimat jigi assenjat xi assi formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela u l-Perit Legali Dr. Maxilene Pace;

Rat id-digrieti tagħha tat-13 t'April 2012[1] u tas-26 ta' April 2017[2], fejn il-Qorti laqgħet it-talba sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[3]. Dana wara li l-partijiet kienu diġa konġuntivament ressqu l-istess talba permezz tar-rikors tagħhom tal-1 ta' Marzu 2017[4].

Rat illi l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali bejniethom u effettivament resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono iddatat it-23 ta' Frar 2017.[5]

Rat illi permezz ta' nota ppreżentata mill-partijiet konġuntivament fis-6 ta' Marzu 2017[6], l-attriċi ċediet it-talbiet kollha tagħha għajr għall-

[1] Fol. 559
[2] Fol. 922
[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[4] Fol. 907
[5] Kopja legali tiegħu hija esebita fol. 913
[6] Fol. 910

ewwel talba; filwaqt illi l-konvenut ċeda l-kontro-talbiet kollha tiegħu għajr għall-ewwel kontro-talba;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b'kawża ta' divorzju.

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f'divorzju. Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[7]

Il-partijiet jaqblu illi huma ilhom *de facto* mifrudin mit-3 ta' Jannar 2008[8]. Wara dik id-data, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw u

---

[7] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[8] Ara n-nota fol. 567

baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti. It-talba għad-divorzju ġiet intavolata l-ewwel darba mill-attriċi fl-24 ta' Jannar 2012[9]. Skond il-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom, senjatament l-Artikolu 3 *"The parties declare that they have forfeited their reciprocal right to maintenance. The parties declare that the forfeiture acknowledged in this Article shall be considered irrevocable for all intents and purposes of Law and shall persist and remain effective notwithstanding any change in the parties' respective means and conditions or where the parties' rights are altered by supervening legislation"*

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn disa' snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u l-ewwel kontro-talba tal-konvenut u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet konjuġi B nhar it-28 ta' Lulju 1993;

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet, ir-raba', l-ħames, is-sitt, is-seba', t-tmien u d-disa' talba tal-attriċi stante illi dawna ġew ċeduti.

[3] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet, ir-raba', l-ħames, is-sitt, is-seba', t-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax il-kontro-talba tal-konvenut stante illi dawna ġew ċeduti.

[4] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-

[9] Rikors fol. 559

divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, dawna jibqgħu mingħajr taxxa, bejn il-partijiet.